MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2003

Numru 27/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**Victor Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Victor Buttigieg ta’ 27 sena bin il-mejjet Anthony u Emmanuela nee’ Zammit imwieled Pieta’ u residenti ‘Casa Buttigieg’, Labour Avenue, Naxxar detentur ta’ karta ta’ identita numru 474072(m) akkuzat talli:

1. f’dawn il-Gzejjer fil-25 ta’ Settembru 1999 u fl-ahhar xhur qabel din id-data, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101

tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bil-ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101, tal-Ligijiet ta' Malta;

2. aktar talli nhar il-25 ta' Settembru 1999 f'xi hin wara nofs inhar, fil-Mosta, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga imsemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fit-28 ta' Settembru ghal habta ta' 12.20a.m. fl-Ghassa tal-Pulizija f'tas-Sliema, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' hsarat fis-sistema ta' l-elettriku tac-cella fl-ghassa tal-pulizija ta' tas-Sliema, liema hsara, l-ammont taghha, ma jiskorriex Lm-50, imma kien izjed minn Lm10, u dan ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

4. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghal habta tal-11.00p.m. fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, ingurja jew hedded diversi ufficjali tal-Pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. fl-istess jum fl-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema, ghal habta ta' 12.20a.m. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku (diversi ufficjali tal-Pulizija) fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

6. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti, liema kliem oxxen jew indecenti jikkonsisti fi kliem jew espressjonijiet ta' dagha jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

7. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti, liema kliem oxxen jew indecendi jikkonsistu fi kliem jew espressjonijiet ta' dagha jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici, offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika;

8. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi rrifjuta jaghti lill-ufficjal pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra;

9. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

10. sar recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta, fejn huwa gie misjub hati u kkundannat ghal reat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 8 ta' Marzu 1999, liema sentenza saret definittiva.

Rat l-ordni u l-kontr'ordni tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni u rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-prosekuzzjoni;

Ikkonsidrat:

Illi f'din l-ewwel parti tas-sentenza l-Qorti ser titratta l-akkuza l-aktar gravi ossija dik rigwardanti t-traffikar u l-pussess tad-droga eroina.  Kif jirrizulta mill-provi in atti s-sekwenza li tat lok ghal din l-akkuza originat minn rapport li ghamel certu John Scicluna kontra l-imputat.  Rilevanti li jigi hawn puntwalizzat li l-prosekuzzjoni strahet l-kaz taghha, fil-konfront ta' din l-akkuza, principalment fuq dan ix-xhud wahdani.  Da parti tieghu l-imputat innega li hu qatt ittraffika droga u mill-kumpless tax-xhieda tieghu hu ntuibbli li, skond hu, ir-rapport li ghamel Scicluna kontra tieghu kien wiehed vendikattiv, inveritier u malizjuz.

Illi hu car li l-ezitu ta' jekk l-akkuza dwar traffikar u pussess treggi il-konfront tal-imputat tistrieh fuq evalwazzjoni tax-xhieda tal-imputat u l-akkuzatur tieghu u xi cirkostanzi li jistghu jaghtu kredibilita' lill-xhud fuq iehor.

Illi brevement skond l-imputat il-fatti svolgew billi fil-25 ta' Settembru 1999 waqt li kien isuq il-vettura tieghu fi Triq it-Torri, il-Mosta, waqaf meta ra lil Scicluna, li jghid, talbu jwasslu fejn kellu l-vettura gewwa Triq il-Kbira il-Mosta stess.  Meta waslu marru jixtru pakkett sigaretti kull wiehed u meta hu, l-imputat, irritorna fejn il-vettura tieghu nduna li kien naqaslu t-telefon cellulari u ftit aktar tard xi erbatax-il lira maltin.  Zied jghid li Scicluna kien ammetta li l-flus kien hadhom hu biex ipatti ghall-ghoxrin lira li l-imputat kien hadlu f'okkazzjoni precedenti.  Dwar ic-cellulari pero'nnega li kien hadu.  Hawnhekk l-imputat gharraf lil Scicluna li kien ser imur l-ghassa jirrapporta, kif fil-fatt ghamel u stqarr li Scicluna aktar tard ghamel

rapport fejn involvih f'traffikar bhala tpattija talli hu kien irrapportah.

Illi l-imsemmi Scicluna stqarr li l-imputat kien ilu jafu mill-Milied ta' dik is-sena stante li t-tnejn kellhom il-vizzju tad-droga tant li jsemmi li kienu haduha flimkien f'xi ghaxar okkazjonijiet. Lill-imputat jakkuzah li kien hu li kien ipprokura d-droga u li kien ukoll gieli xtara droga minghandu. Mix-xhieda tieghu jirrzulta li ghalkemm kien qieghed f'programm xorta baqa jabbuza l-eroina. Difatti jghid li fil-gurnata tal-25 ta' Settembru kien qieghed barra hanut jismu 'Mosta Bar' gewwa Triq il-Kbira, il-Mosta, u l-imputat ghajjatu mit-truck li kien qieghed isuq u qallu biex imur mieghu. L-imputat semmilu li kellu l-eroina u xtara zewg pakketti bit-Lm18. Zied li hemmhekk marru fejn in-naha tal-wied tal-Mosta u injettaw id-droga. Wara li rritornaw fejn il-hanut inqala l-incident tat-telefon cellulari u sussegwentement tal-Lm14. Rigward tal-ahhar ammetta li kien hadhom hu kif riportat aktar il-fuq izda nnega li kien ha t-telefon cellulari. Fil-kors tal-kontroezami u fuq domanda li saritlu hu qal li lill-imputat kien akkuzah ghaliex kien mar jirrappurtah..

Kif ben tajjeb sottomess mill-prosekuzzjoni, huwa pacifiku illi "l-effetti kollha legali ta' l-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali mhux estizi, anzi huma eskluzi ghal dawk il-kazijiet kollha ta' stqarrijiet u anke konfessjonijiet maghmula taht gurament minn persuna li tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza u li pero' mhux necessarjament tkun akkuzata jew b'xi mod involuta fil-fatti li taw lok ghal proceduri kriminali kontra l-akkuzat" u oltre li "f'kazijiet fejn si tratta ta' reati ta' droga, ix-xhieda ta' komplici...ma hemmx ghalfejn tkun korroborata. Ghalhekk [din] ix-xhieda...wahedha, jekk emnuta sal-grad tac-certezza morali, hija bizzejjed sabiex tkun tista' tittiehed decizjoni in bazi taghha. Dan il-principju japplika ukoll minkejja l-fatt li fl-atti jista' ikun hemm provi li jikkontradixxu [lix-xhud]" – (siltiet riportati minn zewg sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri' u 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony sive Twanny Tanti et' decizi 15 ta' Gunju 2001 u 15 ta' April 1999 rispettivament.

Illi fuq l-iskorta ta’ dan d-domanda li jehtieg tigi nvestita hija allura jekk il-provi migjuba mill-prosekuzzjoni, li huwa appena sufficjenti li jinghad ghandha l-oneru fuqha li tipprova, lahqietx il-grad ta’ certezza morali li twassal ghall-konvicju tal-imputat fil-konfront tat-traffikar u pussess. Importanti li jigi hawnhekk notat li filwaqt li ghal dak li hu traffikar il-perjodu determinanti hu “il-25 ta’ Settembru 1999 u fl-ahhar xhur qabel din id-data” f’dak li hu marbut mal-pussess id-data hija specifika u tirrigwarda “l-25 ta’ Settembru 1999”.

Ezaminati l-provi, apparti x-xhieda tal-imsemmi Scicluna, jezisti biss fattur wiehed li jista’ talvolta jimmilita kontra l-imputat u jxejjen il-kredibilita’ tieghu. Dan il-punt jirriverti fuq il-fatturi oscuri ta’ x’gara bejn il-hin tat-3.00p.m. meta ltaqghu z-zewg protagonisti ta’ dan il-kaz u s-6.00p.m. meta l-imputat ghamel ir-rapport lill-Pulizija. Il-Qorti damet hin twil tahseb u tikkonsidra dan il-punt, li hi qieset determinanti, u waslet ghall-konkluzjoni li l-provi ma jwasluhiex biex ivincu fiha certezza morali l-fuq minn kull dubbju ragjonevoli sabiex tasal biex tiddeciedi kontra l-imputat anka ghaliex il-prova ineluttabbli kienet tkun li l-imputat jigi assoggettat ghat-test tad-demm u/jew l-urina. Sfortunatament din il-prova ma saritx u din il-Qorti persistenti fiha d-dubbju ma tistax tippronuncja ruhha kontra l-imputat lanqas ghal dak li hu pussess li hu marbut intinsikament mad-data tal-25 ta’ Settembru ‘sic et simpliciter’.

Ikkonsidrat:

Illi l-akkuzi l-ohra jirriferu ghal: hsara volontarja [Artikolu 325(c)]; ingurji u theddid kontra ufficjali pubblici – kif huma membri tal-Korp tal-Pulizija – [Artikolu 95]; attakk u resistenza kif kontemplat fl-Artikolu 96; kliem oxxen u ndicenti konsistenti f’dagha [Artikolu 342]; rifjut li jaghti l-partikolaritajiet lill-Pulizija [Artikolu 338(g)]; ksur tal-mistrieh tan-nies [Artikolu 338(m) – ilkoll reati u kontravenzjonijiet taht il-Kodici Kriminali. Hawnhekk pero’ tqum problema ta’ natura procedurali senjatament fil-kuntest tal-akkuza taht l-Artikolu 96 stante li ma taqax taht

il-gurisdizzjoni originali ta’ din il-Qorti li konsegwentement u fl-istadju li waslu l-proceduri tista’ tagixxi biss dwarha jekk japplikaw it-termini tal-Artikolu 403 – minhabba li mkien fl-atti ma jirrizulta li din il-Qorti giet rimessa b’gurisdizzjoni da parti tal-Avukat Generali. Fil-kaz in disamine pero’ il-Qorti jidrilha li tista’ tagixxi taht l-fuq citat Artikolu 403 billi mill-atti kompilati ghandu jirrizulta li r-resistenza kienet wahda passiva tali li jirrendi l-imsemmi Artikolu 96 mhux applikabbli kontra l-imputat.

Illi mill-bqija l-provi huma skjetti dwar li l-imputat waqt li kien detenut b’arrest ikkaguna: hsara volontarja fuq zewg tubi ta’ celel fl-ammont ta’ Lm15; li ngurja diversi ufficjali tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom, li qal kliem oxxen konsistenti f’dagha; li rrifjuta jaghti l-partikolartijiet tieghu lill-Pulizija. Dwar l-offiza tal-ksur bil-lejl tal-mistrieh din ghandha tirrizulta wkoll anka jekk l-istorbju sar gewwa ghases tal-Pulizija.

Illi r-recidiva tirrizulta;

Ghaldaqstant issib l-imputat hati tat-tielet, ir-raba, is-sitt, is-sebgha u t-tmien akkuza wkoll hati talli huwa recidiv. Tilliberah mill-ewwel u t-tieni akkuza u dwar il-hames akkuza tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni taghha. Rat l-Artikoli 325(c), 95, 338(g), 338(m), 17, 49, 50 u 31 tal-Kap 9 u tikkundannah multa ta’ Lm400 li ghandhom jigu konvertiti fi tlett xhur prigunerija fin-nuqqas ta’ pagament mhux aktar tard minn xahar millum fit-termini tal-Artikolu 14 tal-Kap 9.

Ai termini tal-Artikolu 403 tal-Kap 9 tordna li l-atti ta’ din il-kawza flimkien ma’ kopja tas-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien tlett ijiem tax-xoghol millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------